# Tberik 2015

### L-GĦID IT-TAJJEB U L-PAĊI MAGĦKOM!

Għeżież, hu ta' ferħ kbira għalija li nkun fostkom, u hija x-xewqa kbira tiegħi li niġi narakom biex fi Kristu naqsmu l-ferħ tal-Qawmien u tal-Preżenza ħajja tiegħU fi djarkom stess. Għaldaqstant it-Tberik ser isir hekk kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd | 05-Apr | Fid-9.00am - Figolli fuq iz-Zuntier, Każin San Pawl, Każin PN. |
| | | Fl-10.45am - Każin PL, Kunsill Lokali, Kunvent tas-Sorijiet |
| It-Tnejn | 13-Apr | Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm), Triq Dun Karm Lia |
| It-Tlieta | 14-Apr | Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet), Triq in-Nassaba |
| L-Erbgħa | 15-Apr | Triq it-Tellerit, Triq is-Summien, Triq il-Kuċċard, Triq Salvu Cauchi |
| Il-Ġimgħa | 17-Apr | Triq San Pawl, Triq il-Puniċi |
| It-Tnejn | 20-Apr | Triq in-Nassaba (il-ġdida), Triq San Franġisk, |
| | | Sqaq San Mikiel, ,Triq San Ġużepp |
| It-Tlieta | 21-Apr | Triq l-Iskola, Triq il-Menqa |
| L-Erbgħa | 22-Apr | Triq Santa Marija, Triq il-Kenn |
| Il-Ġimgħa | 24-Apr | Triq il-Ħajt Ruman, Misraħ San Mattew |
| It-Tnejn | 27-Apr | Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba |
| It-Tlieta | 28-Apr | Triq Ta' Ġawhar, Triq Qerd in-Naħal |
| L-Erbgħa | 29-Apr | Triq il-Biedja, Triq il-Feniċi, Triq Dun Karm Vella |
| It-Tnejn | 04-Mejju | Triq Mikelanġ Busuttil, Triq il-Kaċċaturi, Triq il-Ħlantun |
| It-Tlieta | 05-Mejju | Triq San Ġorġ |
| L-Erbgħa | 06-Mejju | Housing Estate, Triq Stiefnu Erardi, Triq il-Palma |
| Il-Ġimgħa | 08-Mejju | Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Tal-Ajżar |
| It-Tnejn | 11-Mejju | Triq Tarsu, Triq Ta' Rqajja', Triq Bieb il-Ġarra |
| It-Tlieta | 12-Mejju | Triq l-Ibraġ, Triq San Ġwann |
| L-Erbgħa | 13-Mejju | Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja |

**TA' MIN TIEĦU NOTA:**

- Kull nhar ta' Ħamis ma jsirx tberik minħabba l-uffiċċju parrokkjali.
- It-Tberik jibda għall-4:30pm.
- Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb.
- Aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
- Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdumu bejn 10 minuti u kwarta l-aktar.
- Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, tiddejjaqx titlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
- Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat tajjeb li jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
- Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fir-Restawr ta' San Pawl u fil-manutenzjoni tal-knisja.

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## "Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nażaret li kien imsallab; QAM MILL-MEWT, MHUWIEX HAWN ..." *Mk 16, 6*

Dejjem jimpressjonawni dawn il-kelmiet li l-anġli qalu lin-nisa li marru filgħodu kmieni ħdejn il-qabar ġdid imżanżan bid-difna ta' Kristu fih. Mhux biss għax jagħtu verità liema bħala lil dawk in-nisa, imma pjuttost għax jirriflettu b'qawwa il-qalba tat-twemmin li jien u int bħala nisrani nħaddnu.

***Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nażaret ...***

Fil-Ġimgħa Mqaddsa, b'mod speċjali, niltaqgħu ma diversi persuni li b'xi mod ifittxu lil Ġesù ta' Nażaret. Naqraw li hemm min kien qed ifittxu biex jittradih (Ġuda), min biex joqtlu u hekk jeħles minnu darb'għal dejjem (il-kittieba u l-Fariżej), min biex jiskopri kienx innoċenti jew ħati (Pilatu), min biex jara kif ser jirreaġixxi, min biex jirredikolah (is-suldati fil-pretorju), min biex jaqsam miegħu dik it-tbatija ħarxa, (ommu, u diversi nisa ta' Ġerusalemm), min biex jara jekk Alla kienx tassew miegħu (diversi nies miġbura fuq il-Golgota u l-ħalliel il-ħażin), u min biex jagħtih l-aħħar rispett u tislima (in-nisa li marru ħdejn il-qabar). Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll lilna, li matul il-Ġimgħa Mqaddsa, u mhux biss, lil Ġesù wkoll infittxuh għal diversi raġunijiet: min biex jimitah fir-reċti, min biex jammirah f'xi statwa, min biex jgħix ċelebrazzjonijiet sbieħ, min biex jitolbu aktar, u litanija sħiħa oħra ta' raġunijiet. Biss, hu veru wkoll, li dan it-tfittix għal Ġesù fi żmienna hawn min jarah żejjed. Għaldaqstant ippermettuli nistaqsi b'mod personali: Int wieħed minnhom? Għaliex traskurajtu, għaliex tirreżistih f'dan iż-żmien, f'ħajtek? Jekk minitix wieħed minn dawn, u hekk tgħodd lilek innifsek ma' dawk li qiegħed tfittxu, għaliex qed tagħmel dan? Għaliex għadek tridu? Tibżax, imma matul dan ix-xahar imraħ f'dawn il-mistoqsijiet hekk importanti u jalla tasal biex tistqarr bla mistħija, anzi b'konvinzjoni, li inti qiegħed tfittxu. Iva, *"ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom"* [Ġak:4:8a].

***Li kien imsallab; qam mill-Mewt ...***

Fit-tiftix ta' kull nisrani għal Ġesù, żgur li rridu niskopruh bħala Dak li kien imsallab, imma wkoll li għeleb il-mewt u rxoxta. Għalhekk ħalluni nistedinkom biex din il-qalba tal-fidi tagħna nirriflettu fuqha b'dan il-mod: l-ewwelnett nagħrfu napprezzaw li dan ifisser li Hu *"ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja,"* u *"ħabbhom għall-aħħar."* Il-Misteru tal-Għid, għalkemm fil-verità miksi b'ħafna mibegħda, vjolenza, tbatija u fallimenti, għandu tbaqbaq ħafna mħabba u ubbidjenza inkundizzjonata. Iva, Ġesù li jibqa' jħobb sal-aħħar anke quddiem l-arroganza vjolenti tal-ħażin. Barra dan, ejjew nirrikonoxxu wkoll li bil-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù għadda *"minn din id-dinja għal għand il-Missier"*, mir-realtà umana għar-realtà glorjuża, minn dak li donnu issa spiċċa u fallut, għal dak li

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

Alla jħaddan miegħu. Għaldaqstant ejjew nistaqsu lilna nfusna: kapaċi nħobb kif Kristu ħabb? X'qed jillimitani f'dan? Nemmen li bil-għajnuna tiegħu nista' nagħmlu dan? Nifhem li bil-Magħmudija li rċevejt, u li f'dan ix-xahar imsejjaħ biex niġġeded fiha, Alla qed jagħtini l-qawwa biex dan nagħmlu anke jekk il-limitazzjonijiet fix-xewqat, fil-ħiliet, fir-relazzjonijiet u fil-ħajja kollha ma jħalluniex niċċaqalqu u jeħdulna saħħitna u kell sens ta' sbuħija tal-ħajja? Ejjew ma nibżgħux inħallu lil Alla jaħdem ir-risposti tiegħu fina. *"Iċċekknu quddiem il-Mulej, u hu jerfagħkom"* [Ġak:4:10].

***Mhuwiex hawn … IMMA …***

Għal ħafna minna, din il-frażi, anke jekk nemmnu, nispiċċaw nemmnuha u nenfasizzawha aktar milli jistħoqqilha. Hekk hu, għax naħsbu li dan kollu ġie u mar, u fil-preżent *mhuwiex hawn.* Huwa veru li Kristu ma jintrabatx mar-realtà tal-qabar, imma hu aktar veru li Kristu HUWA ĦAJ u jridna nagħtuh spazju fil-preżent ta' ħajjitna. Ejjew nirrealizzaw li fit-talb tagħna, fil-laqgħat tagħna, fil-ġrajjiet tagħna, Kristu jrid ikun il-Ħaj li nisimgħu minnu u li għalhekk idewwaqna l-milja tal-ħajja. NemmhnuH, inħalluH, nesperjenzawH! Iva, *"Tibżax, biss inti emmen!"*

***Jalla l-Għid jimla tassew***
***lill-qalbna u lill-djarna***
***bil-ferħ u l-paċi tal-Mulej Irxoxt!***

***Dun David Farrugia***

---



*Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija*

Leah Pulis; Zane Pulis; Sheldon Farrugia.

# Id-Djarju tal-Parroċċa
# April 2015

**L-Erbgħa 1 ta' April**
Fis-7:30pm – Via Sagra Nazzjonali organizzata mill-RTK.

**Il-Ħamis 2 ta' April** — **Ħamis ix-Xirka**
Fit-7:45am – Talb flimkien fil-knisja parrokkjali:
sat-8:15am L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fid-9:15am – Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha jsiru t-Tberik taż-Żjut Imqaddsa u t-Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali.
Fil-5:00pm – Qrar
Fis-6:30pm – Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
Fit-8:30pm – Viżti animati mis-Sorijiet Dumnikani.
Fl-10:00pm – Adorazzjoni animata mill-Grupp Koppji Miżżewġa.





**Il-Ġimgħa 3 ta' April** — **Il-Ġimgħa l-Kbira**
Fis-7:00am – Viżti.
Fit-8:00am – Talb flimkien:
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani.
Fid-9:00am – Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Bniet.
Fl-10:00am – Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Subien.
Fil-11:00am – Ħin ta' skiet, ġabra u talb personali.
*Il-knisja tagħlaq f'nofs in-nhar.*
Fit-3:00pm – Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

**Is-Sibt 4 ta' April** — **Sibt il-Għid**
Fit-7:45am – Talb flimkien fil-knisja ta' Santa Marija:
sat-8:15am L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fis-6:00pm – Qrar.
Fit-8:00pm – Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija.

**Il-Ħadd 5 ta' April** — **L-Għid il-Kbir**
Fit-8:15am – Quddies bis-sehem tat-tfal.
Fid-9:00am – Tberik tal-Figolli fuq iz-Zuntier.
Fil-5:30pm – Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

**Il-Ħadd 12 ta' April** — **It-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**
Fl-4:30pm – Adorazzjoni
Fil-5:30pm – Quddiesa tal-Ħniena Divina

**It-Tnejn 13 ta' April** — **JUM ĦAL SAFI –**
**Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (417-il sena) nhar it-13/04/1598**

**Il-Ħadd 19 ta' April** — **It-Tielet Ħadd tal-Għid** – Jum il-Karità

**Mill-Ħamis 23 ta' April sal-Ħadd 26 ta' April** — **VOC EXPLORE**:
Weekend vokazzjonali fl-Unita' tagħna animat mis-Seminaristi

**Il-Ħadd 26 ta' April** — **Ir-Raba Ħadd tal-Għid** – Jum il-Vokazzjonijiet

**Il-Ħamis 30 ta' April**
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Il-Kant tal-Funzjonijiet Reliġjużi Prinċipali isir mill-Kor *'Sine Macula',* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace.